# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnjen, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 25**

**Rikors numru 750/18 LM**

**Gordi Felice**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. L-attur appella minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-4 ta' Ottubru 2019 li biha dik il-Qorti ddeċidiet:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:*

*"1. Tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat, filwaqt li tiċħad it-tielet eċċezzjoni tiegħu limitatament sa fejn din tgħid li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

*"2. Filwaqt li tilqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament fir-rigward tal- flejjes li jinsabu depożitati fil-kont bankarju tal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 054-118468-051, fil-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40021726433, fil-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 17317484014, u fir-rigward tas-somma ta' tlett elef u ħames mitt Lira Maltin (LM3,500) li tinsab ddepożitata fir-Reġistru tal-Qorti, u tiċħad it-talbiet tar- rikorrent fir-rigward tal-flejjes iddepożitati fil-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40021673832.*

*"L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent".*

2. Sentenza li ngħatat wara rikors preżentat mill-attur fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex:

*"i. Tiddikjara li kull proprjetà mobbli, inkluż flejjes jew proprjetà immobbli illi ġew konfiskati permezz tas-sentenza tas-27 ta' April, 2018 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Gordi Felice, liema ordni ta' konfiska ġiet mogħtija fit-termini tal-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu 3A tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u liema proprjetà tinkludi u tolqot inter alia l-ammont ta' sbatax-il elf, ħames mija u wieħed u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€17,531.46) fi flejjes depożitati f'kontijiet bankarji f'isem ir-rikorrenti kif ukoll l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm3,500) illi ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali ma ġewx akkwistati minn profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat kontra l-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"ii. Tirrevoka għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-konfiska magħmula fil-konfront tiegħu a tenur tal-Artikolu 22C u 22D tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta reżi applikabbli għall-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal- Artikolu 120A (2B) tal-istess Kap. 31".*

3. Dwar il-mertu l-konvenut wieġeb:

*"1. Illi fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promutur huma infondati fil-fatt u fid- dritt u konsegwentement l-esponent qed jopponi għall-istess talbiet, diment li r- rikorrent ma jġibx prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-proprjetà li tagħha qed jitlob ir-rilaxx, mhux riżultat ta' xi profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li tiegħu r- rikorrent instab ħati, jew, li tali proprjetà ma ġietx akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitt jew dħul bħal dak;*

> *"2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat li l-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà indikata fir-Rikors Promutur u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lir-rikorrenti;*
>
> *"3. Illi in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti".*

4. L-attur appella minn dik il-parti tas-sentenza li caħditlu t-talba dwar il-flus li għandu depożitati fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 40021673832 u li sat-12 ta' April 2014 kien fl-ammont ta' €9,985.42. Min-naħa tiegħu l-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

5. L-ewwel Qorti immotivat dik il-parti tas-sentenza b'dan il-mod:

> *"Il-Qorti eżaminat il-bank statements ippreżentati fl-atti tal-kawża, fejn fir-rigward tal-kont bankarju bin-numru 40021673832 miftuħ f'isem ir-rikorrent mal-Bank of Valletta plc, jirriżultaw tranżazzjonijiet ta' depożiti ta' flus kontanti, fosthom depożiti ta' €2,203.39 u €7,492.06 li saru fl-istess ġurnata fil-5 ta' Diċembru, 2013, fir-rigward ta' liema tranżazzjonijiet m'hemm l-ebda deskrizzjoni jew spjega, kif hemm għal tranżazzjonijiet oħra fejn hemm l-intestatura 'agency fee' u deskrizzjoni tal- proprjetà li dak il-ħlas ikun jirreferi għaliha. Kuntrarjament għal depożiti oħra li saru fl-istess kont bankarju, fejn id-depożitu huwa indikat b'diversi dettalji, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ depożiti m'hemm l-ebda dettalji ulterjuri, u kulma ftakar ir-rikorrent kien biss li dawn il-flus bilfors li huma ħlas lilu ta' kummissjonijiet b'rabta mal-kiri ta' proprjetà, mingħajr ebda prova li tissostanzja dan, bħalma kienet tkun pereżempju, kopja tal-ftehim li ġie ffirmat bejn il-partijiet li kkonkludew il-kirja inkwistjoni, jew rendikont aġġjornat mill-financial controller Arnold Cini li xehed f'dawn il-proċeduri dwar kemm kien il-volum ta' negozju li ġie konkluż mir-rikorrent u kemm tħallas kummissjonijiet għal dan in-negozju. Il-Qorti tqis li prova bħal din ma kinitx xi ħaġa diffiċli li tinġieb meta jirriżulta li r-rikorrent kien ilu biss madwar ħames snin jaħdem bħala property negotiator".*

**<u>Fatti rilevanti għall-appell</u>**.

6. Fit-28 ta' Novembru 2004 l-attur tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kien akkużat li assoċja ruħu

ma' terzi sabiex jimporta, ibigħ jew jittraffika d-droga ecstasy, talli bigħ u ttraffika l-istess droga, u kellu fil-pussess id-droga.

7. Fl-2010 ħareġ l-att ta' akkuża kontra l-attur.

8. L-attur għandu kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40021673832. F'dak il-kont fl-24 ta' Diċembru 2016 kellu bilanċ ta' €9,498.63 li fetaħ f'Ġunju 2013.

9. Fit-22 ta' Frar 2011 l-attur beda jaħdem bħala Letting Associate ma' JK Properties Limited li tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji li jirrapreżentaw Re/Max Malta.

10. B'sentenza tas-27 ta' April 2018 il-Qorti Kriminali ddikjarat lill-attur ħati tal-akkużi li nġiebu kontrih u kkundannatu għal piena ta' erba' snin priġunerija u multa ta' €7,000. Ordnat ukoll il-konfiska tal-proprjeta` tiegħu.

11. Fis-16 ta' Lulju 2018 l-attur ippreżenta r-rikors *ai termini* tal-Artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li bih talab li fost affarijiet oħra jingħata lura s-somma ta' €9,498.63 depożitata fil-kont tal-Bank of Valletta plc numru 4002163832.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

12. L-ewwel aggravju jikkonsisti fi kritika għall-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti dwar dik il-parti tat-talba tal-attur li kienet miċħuda. Qal li ressaq sensiela sħiħa ta' provi li dejjem ħadem matul is-snin, kemm qabel u wara li ġie akkużat u sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Kriminal li kkundannatu għall-perjodu ta' priġunerija.

13. L-Artikolu 22C(1) tal-Kap. 101 jipprovdi:

> *"1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d), il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjonili xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekkkonfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħtdin l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jewmiksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk".*

14. Ovvjament l-oneru tal-prova kien fuq l-attur.

15. Fl-affidavit l-attur spjega li fi Frar 2012 kien beda jaħdem bħala *property negotiator* mar-Remax u l-qligħ li kien jagħmel kien jiddepożitah fi tliet kontijiet bankarji, wieħed minnhom ikun dak oġġett ta' dan l-appell. Xehed:

> *"Nikkonferma li l-flejjes li hemm ġewwa l-kontijiet tal-bank fuq elenkati huma kollha provenjenti minn commissions li jien qlajt mix-xogħol tiegħi ma Remax".*

16. Jirriżulta wkoll li kien reġistrat mad-Dipartiment tal-VAT bħala persuna jaħdem għal rasu (ara ċertifikat a fol. 42) u dan b'effett mill-1 ta' Marzu 2011. Xehed ukoll Arnold Cini, financial controller ta' JK Properties Limited li qal hi kumpanija li tifforma parti mill-grupp RE/MAX Malta, u kkonferma li l-attur beda jaħdem bħala letting associate mit-22 ta' Frar 2011. Ikkonfermaw wkoll li kien jitħallas rata ta' 35%, u:

> *"Il-flus lil Gordi Felice kienu jingħataw ħafna drabi permezz ta' cekk jew ġieli kienu jsiru permezz ta' bank transfer ġol-kont tiegħu BOV nru. 40021673832"*.

17. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel Qorti meta tikkonsidra li:

i. Is-somma ta' €2,203.39 u €7,492.06 li kienu depożitati fil-5 ta' Diċembru 2013, li dwarhom l-ewwel Qorti esprimiet id-dubju kinux provenjenti mix-xogħol tal-attur u li wassluha biex tiċħad it-talba fir-rigward tal-flus fl-imsemmi kont, sas-27 ta' Jannar 2014 kienu inġibdu mill-kont bankarju. Fil-fatt dakinhar fil-kont kien għad fadal biss is-somma ta' €76.60 (fol. 55). Mill-istess rendikont jirriżulta li fil-5 ta' Frar 2014 kienet iddepożitata s-somma ta' €8,325.43 minn JK Properties Ltd, li l-attur jagħtiha servizz bħala property negotiator. Wara dakinhar saru depożiti oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-attur. Hekk per eżempju s-somma ta' €8,250 depożitata fil-25 ta' Frar 2014. Dan

juri li kien hemm okkazzjonijiet oħra li l-attur kien qiegħed jiddepożita ammonti ta' flus mhux żgħar in konnessjoni max-xogħol tiegħu.

ii. Il-kont infetaħ mhux sena jew sentejn wara li l-attur tressaq taħt arrest u akkużat b'assoċjazzjoni u traffikar ta' droga, iżda disa' snin wara (2013). Wieħed irid jiftakar li l-akkużi kontra l-attur kienu jirreferu biss għal dak li ġara fis-26 ta' Novembru 2004 u x-xhur ta' qabel (ara sentenza tal-Qorti Kriminali).

iii. Il-provi juru li l-attur kien jaħdem għal rasu u kien ferm imqabbad bħala property negotiator fix-xogħol ta' kiri ta' proprjeta`. Fatt ikkonfermat mix-xhud Cini li ma ġiex kontradett.

iv. Hu veru li hemm depożiti fejn hemm spjegat mingħand min l-attur irċieva l-ħlas. Pero` mir-rendikont bankarju hu ċar li dawk jirreferu għal depożiti li jkunu saru permezz ta' trasferiment ta' flus direttament minn terza persuna għall-kont tal-attur. Mhemmx l-istess tagħrif fejn l-attur ikun personalment għamel depożitu fil-kont bankarju in kwistjoni.

v. Hu fatt li fir-rendikont (fol. 53-57) jissemmew depożiti fejn fil-parti *transaction description* mhemmx spjegazzjoni tas-sors tal-flus. Hekk per eżempju huma d-depożiti tas-17 ta' Marzu 2014 meta l-attur iddepożita ċekk ta' €1,309 fl-ATM, u fit-12 ta' April 2014 iddepożita

ċekk ieħor ta' €6,039 ukoll fl-ATM. Jekk dawk kienu ħlasijiet li għamlet JK Properties Ltd għas-servizz li ta l-attur, faċilment seta' jitlob lil direttur biex jagħmel riċerka mal-bank u jagħtuh kopja awtentika taċ-ċekk. Pero` l-fatt li l-attur naqas ma jfissirx li mhuwiex kredibbli. Wara li l-qorti qrat l-att tqis li ferm improbabbli li min jirċievi flus minn attivita` illeċita ser jirċievihom permezz ta' ċekk u jpoġġihom f'kont bankarju f'ismu meta hemm proċeduri kriminali pendenti kontrih, u dan kważi għaxar snin wara li tressaq il-qorti. Dan iktar u iktar meta mhemmx prova waħda li l-attur reġa' kellu problemi mal-ġustizzja jew reġa' kien investigat mill-pulizija għat-tip ta' reati li tagħhom instab ħati. Inoltre, hemm ukoll prova ċara li l-attur ħadem matul is-snin u min kien jinqeda bis-servizzi tiegħu iddeskrivih bħala wieħed mill-aħjar li kellhom fit-taqsima tal-kirjiet, u hu evidenti li kellu qligħ tajjeb mix-xogħol. Għalhekk mhemm xejn stramb jew suspettuż li kien qiegħed jiddepożita dawk l-ammonti ta' flus fil-kont 40021673832 minn Diċembru 2013 sat-12 ta' April 2014.

vi. Fl-atti hemm ukoll kopja tar-rapport li għamel Dr. Vincent Galea fuq inkarigu tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex jagħmel lista tal-ġid li kellu l-attur. Mill-indaġni dettaljata li saret, inkluż mal-banek, jirriżulta li l-attur kellu biss is-somma ta' Lm1,644.60 f'kontijiet bankarji li kellu mal-Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta plc (fol. 128-129) u vettura. Rilevanti wkoll hu li l-attur dak iż-żmien

kien jabbuża mid-droga tant li l-ewwel darba li deher il-qorti kien talab li jingħata l-għajnuna. Għalhekk fiż-żmien rilevanti, ċioe` meta l-attur wettaq ir-reati u meta allura suppost kien qiegħed jagħmel qligħ minn attivita` illeċita, ftit li xejn instablu ġid. Indikazzjoni oħra li l-flus li kien qiegħed jiddepożita snin ħafna wara, ma kinux provenjenti mir-reati li wettaq fl-2004.

vii. Il-Qorti mingħajr ebda eżitazzjoni temmen dak li xehed l-attur, ukoll wara li qrat it-traskrizzjoni tal-kontro-eżami (seduta 10 ta' Mejju 2019). Għalkemm ma ftakarx mingħand min kien irċieva l-flus fil-każ ta' depożitu ta' €7,492.06, dak il-fatt ma jqajjem l-ebda suspett. Id-depożitu fil-5 ta' Diċembru 2013 u l-kontro-eżami sar iktar minn ħames snin wara dak id-depożitu. Il-Qorti ma tara xejn stramb li l-attur kien qiegħed jiddepożita dawk il-flus fil-perjodu bejn is-sena 2013 u 2014 meta tikkonsidra li kien property negotiator imqabbad u fi kliem ix-xhud Cini kien wieħed mill-aħjar letting associates li kellhom, *".... u matul iż-żmien irċieva diversi awards bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu magħna"*. Mir-rendikont hu evidenti wkoll li l-kont in kwistjoni kien jużah mhux biss biex jirċievi l-kummissjoni fuq kirjiet imma wkoll fih kien jirċievi kera u depożiti relatati max-xogħol tiegħu (ara per eżempju depożitu ta' €8,250 li sar fil-25 ta' Frar 2014). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-oħra li r-reati li dwarhom l-attur instab ħati jmorru lura għal bejn disgħa u għaxar snin qabel.

18. Mhemmx dubju li l-attur seta' ġab provi aħjar dwar ċertu depożiti li saru fil-kont bankarju in kwistjoni. Madankollu għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq din il-Qorti xorta hi konvinta li fuq bażi ta' probabbilta` l-attur qal il-verita` u għandu jingħata lura l-bilanċ tal-flus li fadal fil-kont.

19. It-tieni aggravju hu dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. L-ewwel Qorti ordnat li l-attur jagħmel tajjeb għall-ispejjeż mingħajr spjegazzjoni għalfejn.

20. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju hu wkoll ġustifikat ġialadarba l-attur ingħata raġun dwar kollox, filwaqt li fil-kors tal-proċeduri l-konvenut oġġezzjona għat-talbiet tal-attur u ħa l-pożizzjoni li għandhom ikunu kollha miċħuda. L-attur m'għandux jagħmel tajjeb għall-spejjeż ġudizzjarji li kellu jagħmel sabiex jieħu lura l-ġid tiegħu li ma kienx akkwista direttament jew indirettament, mill-egħmil tar-reati li tagħhom instab ħati. Hu veru li l-ordni tal-konfiska ħarġet minħabba li l-attur instab ħati tar-reati li kien akkużat bihom, madankollu l-qorti hi altru milli sodisfatta u konvinta li mill-provi rriżulta li dak li talab lura kienu flus li m'għandhomx x'jaqsmu mar-reati li wettaq fl-2004. Inoltre, il-prinċipju ġenerali hu li, *"Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż"* (Art. 223(1) tal-Kap. 12).

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Ottubru 2019 u tilqa' t-talba tal-attur u tordna r-rilaxx tas-somma ta' disat elef erba' mija u tmienja u disgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€9,498.63) li hemm fil-kont tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40021673832. Spejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm